## MISSJONI DJOĊESANA

# IL-KOMUNITÀ DJOĊESANA KOLLHA TRID TKUN MISSJUNARJA

MISSJONI DJOĊESANA GHAWDEX 2008 - 2009

"L-Isqof huwa kkonsagrat mhux biss għad-djoċesi tiegħu, imma għas-salvazzjoni tad-dinja kollha. Bħall-appostlu Pawlu, l-impenn tiegħu huwa li jagħmel il-komunità djoċesana kollha missjunarja..." *(Benedittu XVI, Messaġġ għall-ġurnata Missjunarja 2008)*

- Kull Djoċesi trid tkun missjunarja. Dan tagħmlu billi: tifforma u tibgħat missjunarji saċerdoti, reliġjużi u lajċi biex iwasslu l-Evanġelju lill-ġnus (*missio ad gentes*); tgħin Knejjes oħra li għandhom nuqqas ta' vokazzjonijiet; billi ssostni bit-talb u bl-għajnuna materjali Knejjes fil-bżonn.
- L-azzjoni missjunarja ma sseħħx biss f'pajjiżi 'l bogħod minn artna, imma f'pajjiżna stess: "Kullimkien ***hemm bżonn li tiġi mġedda l-aħbar anke għal min hu diġà mgħammed***. ħafna Ewropej tal-lum jaħsbu li jafu x'inhu l-Kristjaneżmu, imma fil-verità ma jafux x'inhu. Spiss l-istess veritajiet fundamentali tal-fidi m'għadhomx aktar magħrufa. ħafna mgħammdin jgħixu bħallikieku Kristu ma jeżistix... Wieħed jista' jgħid li tali sfida ma tikkonsistix tant filli tgħammed l-ikkonvertiti ġodda, imma li treġġa' lura l-imgħammdin biex *jikkonvertu lejn Kristu u lejn il-vanġelu tiegħu*: fil-komunitajiet tagħna jeħtieġ nippreokkupaw irwieħna serjament biex inwasslu l-Vanġelu tat-tama lil dawk li huma 'l bogħod mill-fidi jew lil dawk li tbiegħdu mill-prattika Kristjana." (Ġwanni Pawlu II, Ecclesia in Europa, n.47)

---

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***It-Tnejn 17 ta' Novembru***: Lectio Divina għas-Saċerdoti Żona A (Katidral 4.00p.m.)

***Il-Ħamis 20 ta' Novembru***: Jum Universali tat-Tfal

***Il-Ġimgħa 21 ta' Novembru***: Missjoni Djoċesana: Laqgħa Parrokkjali ta' Formazzjoni

***Il-Ġimgħa 21 ta' Novembru***: Jum il-Klawstrali

***Is-Sibt 22 u l-Ħadd 23 ta' Novembru***: Musical "Maria ta' Nazaret" (Oratorju Don Bosco 7.30p.m.)

***Il-Ħadd 23 ta' Novembru***: Kristu Re **Issir il-ĠABRA GĦALL-KARITÀ li tmexxi d-Djoċesi** / Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re (Toroq tar-Rabat 4.30p.m.)

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu, nirringrazzjak tad-doni kollha li tagħtini, u agħmel li nkun rikonoxxenti lejk billi nħaddimhom b'sens ta' responsabilta'

gozopress • 21551534



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

It-33 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2068) • 16 ta' Novembru 2008

Għax dan bħal wieħed li kien se jsiefer, u sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ħallielhom ġidu f'idejhom. Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed skond il-ħila tiegħu. U siefer. Dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra. Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra. Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu. Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja raġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom. Resaq quddiemu dak li kien ħa ħames talenti u ġieblu ħames talenti oħra. 'Sinjur,' qallu, 'ħames talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt ħamsa oħra.' Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.' Resaq ukoll dak li kien ħa żewġ talenti, u qallu, 'Sinjur, żewġ talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt tnejn oħra.' Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.' Iżda resaq ukoll dak li kien ħa talent wieħed, u qal, 'Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx. Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art. 'Hawn, ara, għandek dak li hu tiegħek.' Qabeż is-sinjur u qallu, 'Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn ma żrajtx u niġbor fejn ma xerridtx. Mela kien imissek mort qegħedt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur niġborhom bl-imgħax. Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti. Għax kull min għandu, jingħatalu, u jkollu żżejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu. U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.

## idħol fl-hena ta' sidek



**RIFLESSJONI:**

- Ġie li qagħadt taħseb fuq kemm ġid, grazzji, u doni żejnek bihom Alla ?
- Dawn għamilthom propjeta' tiegħek, jew għaraft li huma mislufa għandek ?
- Urejt sens ta' responsabilta' biex tħaddimhom bil għaqal u tagħmel profitt spiritwali minnhom?
- Ħdimt bil-għaqal jew tgħażżint ? Kif se tidher quddiem is-Sid tiegħek, b'idejk vojta jew ferħan b'dak li qlajt?